L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 7 ta' Frar, 2003

## Le ghaliex? Iva ghaliex?

Il-Hadd li ghadda hsibt fil-kwiet x'se nghid fil-Konferenza Generali Annwali tal-Partit. Wara li harget fil-pubbliku l-pozizzjoni tal-Partit Laburista dwar ir-referendum, kellna ghal xiex niddiskutu dak li l-poplu jkun qed jivvota ghalih bil-Le tieghu.

Mhix se tkun sempliciment votazzjoni dwar shubija fl-Unjoni Ewropea jew le, imma wkoll votazzjoni ta' fiducja jekk il-poplu jemminx lill-Gvern f'dak li qed jghidlu dwar ir-relazzjonijiet ma' l-Unjoni jew le! Bi Gvern bhal li ghandna, ma nistghux nassumu li qieghda tintqal, hi l-verità.

Sfortunatament, ic-cittadin se jkollu jaghmel evelwazzjoni ferm difficli minhabba li fl-ebda mument ma jista' jassumi dan. Fil-fatt, jekk hemm pre-rekwizit biex int tkun tista' tiehu decizjoni hu, li jkollok il-fatti quddiemek! Imma fatti quddiemna zgur li ma jistax ikollna, ghax il-Gvern iktar nistghu nghidu fejn qbadnih jigdeb jew jaghti milli fejn qbadnih jghid il-verità!

U l-hsieb jibda minn idea wahda, imma jiftah sensiela ta' ideat, li jgongu flimkien bhal kullana. Hsibt li d-diskors tieghi kien se jkun qasir, imma ma setax! Bdejt niftakar bil-mod il-mod f'dak li assista ghalih il-poplu Malti mhux f'dawn l-ahhar 12-il sena (minbarra s-sentejn ta' Partit Laburista) imma f'dawn l-ahhar hames snin.

U kien qisu li jekk ma tahsibx fihom l-affarijiet, tinsihom. Fid-dinja kollox tidra. Imma meta wiehed verament jahseb bis-serjetà jiskandalizza ruhu bl-iskandli li batejna f'kull qasam tal-hajja taht il-Gvern prezenti. Tant hsibt fi skandli, li jien stess skantajt.

Ma kelli l-ebda referenzi jew gazzetti quddiemi, sempliciment il-memorja. U bdejt il-lista u fil-verità lanqas kelli cans naqraha meta jiena gejt ghad-diskors tieghi.

Imma dan ir-rakkont tieghi ta' precedenti fil-hajja politika li nholqu dan l-ahhar bl-amministrazzjoni Nazzjonalista, tant jien stess qatt ma kont irealizzajtu li, nixtieq ingeghilkom tirrealizzaw ukoll, halli ma tinsewhx.

Mhux xi lista ta' successi indubbjament, imma pjuttost lista ta' precedenti ta' dnubiet politici jqazzu, li bil-mod il-mod sfrondaw il-kredibililità fil-hajja politika tal-Gvern prezenti Malti u li b'xi mod jew iehor kellu jiblaghhom u jieqaf jahbihom jew jikkontestahom, liema dnubiet politici se jakkumpanjawh lejn il-qabar politiku ta' wara l-elezzjoni generali!

Biex nasal ghal dawn it-tifkiriet kollha ta' dnubiet politici, staqsejt lili nnifsi mistoqsija semplici: x'se jghid il-poplu Malti fir-referendum dwar shubija fl-UE?

Le ghal shubija fl-UE.
Le ghal tmexxija fil-karretta ta' Fenech Adami.
Le ghal tmexxija mifnija bil-korruzzjoni.
Le ghall-hbieb tal-hbieb.
Le ghal tmexxija Maltija mmexxija bl-ispag minn Brussels.
Le ghal poplu ngannat minn klassi tal-flus li tipprova ggib l-interessi taghha qabel l-interessi tal-komunità, biex taghmel li trid hi.
Le ghal weghdiet fiergha u mhux imwettqa.
Le ghall-bnadar ta' l-UE u mhux Maltin.
Le ghall-vjolenza fuq gurnalisti u partitarji tal-partit oppost.

Le ghal kliem ingurjuz, qlajja, malafami kontra l-partit oppost li nibtu biss minn gideb.
Le ghal cahda shiha ta' verità reali u maghrufa r-repetizzjoni taghha bhal fil-kaz tar-rikorsi lill-anzjani.
Le ghall-habi ingenerali.
Le ghall-gideb sfaccat li wara ftit zmien niskopru li kien biss gideb.
Le ghall-habi ingenerali.
Le ghall-vendikazzjonijiet lejn cittadini Laburisti.
Le ghall-Gvern rikattat minn interessi personali, kriminali u barranin.
Le ghall-gheja mentali u fizika u stagnar li fih jinsab il-pajjiz.
Le ghat-tkissir mhux biss tal-mentalità u moralità Maltija, imma wkoll tal-wirt kulturali Malti.
Le ghan-nuqqas ta' kredibilità li waqa' fiha l-poplu lejn l-istituzzjonijiet kollha importanti fil-pajjiz: il-habs, il-Korp tal-Pulizija, il-Qorti, il-Parlament, il-Kunsill Lokali u d-Dipartiment tal-Gvern.
Le ghall-figuri politici u amministrattivi b'reputazzjoni mcappsa b'akkuzi ta' 'reati kontra l-fiducja pubblika' kif tlaqqamhom il-ligi kriminali stess bhall-frodi, xiri ta' favuri, abbuz ta' poter u ohrajn.
Le ghal reati kontra l-ordni tal-familja (kif ghal darb'ohra tlaqqamhom l-istess kodici kriminali) ta' pornografija u abbuz mill-minorenni minn persuni fil-hajja politika.
Le ghall-sfiducja li l-poplu sar ghandu minn min jipprova jidher li jaf aktar minn sempliciment ghal politiku jew politikant!
Le ghall-mezzi tax-xandir mixtrija u mmexxija minn nies li l-interessi taghhom huma biss li jakkomodaw lill-Gvern.
Le ghal istituzzjonijiet taparsi imparzjali finanzjati mill-Gvern u mill-UE b'nies imhallsa b'pagi straordinarji u li juru ta' bir-ruhhom li huma newtrali.
Le ghal sistemi taparsi demokratici li jahbu interess personali.
Le! Le! Le!

Sfortunatament, huma dawn il-kriterji li l-poplu jrid iqis lill-Gvern dwarhom biex jara jemmnux f'dak li qieghed jghid dwar l-UE biex ikun jista' jiddetermina jivvotax Iva jew Le. Mhux bizzejjed il-poplu Malti ghandu ghazla importanti quddiemu – irid joqghod ukoll jara x'se jemmen milli jghid il-Gvern jew le!

Haga wahda hi zgura – li b'dan it-tghawwig kollu u b'dawn l-atti kundannabli kollha, il-Gvern Nazzjonalista ma jistax jaghmel l-istess lill-Partit Laburista ghax hu partit mhux biss maqtugh minn kwalunkwe kundanna li tista' ssir f'dan is-sens, imma wkoll imbieghed minn kwalunkwe dubju li c-cittadin jista' jkollu f'dan is-sens.

Il-qerq tal-Partit Nazzjonalista ghal elf darba gie ppruvat li hu veru minnu jew permezz tal-*media* intelligenti Laburista jew permezz tal-Qrati Maltin, mentri kull ma gie allegat fil-konfront ta' membri tal-Partit Laburista ghal elf darba gie ppruvat li kien biss frott ta' l-istess qerq ta' l-istess Partit Nazzjonalista.

Tiskanta kif il-mizien dejjem jitfa' l-hama n-naha Nazzjonalista biex il-Partit Laburista, anki jekk akkuzat, dejjem jitla' 'l fuq wahdu, 'il boghod mill-Partit Nazzjonalista u 'l fuq minn kwalunkwe allegazzjonijiet u istituzzjonijiet tal-pajjiz.

Iva ghal Gvern li tabilhaqq jikkonsulta lill-poplu u jisma' minnu bla ma jahseb li jaf aktar minnu.

Iva ghal Gvern li jdur fl-irhula u l-bliet kull nhar ta' Hadd, mhux biss fi zmien l-elezzjoni, kemm jekk hu fil-Gvern u fl-Oppozizzjoni, u li jghix tabilhaqq kif jghid il-poplu.

Iva ghal Gvern li kliemu jirrifletti l-ugigh tal-poplu u l-bzonnijiet tieghu.

Iva ghal xandir tabilhaqq imparzjali!

Iva ghal gwerra kontra l-qghad u finalment...

Iva ghal mexxej genwin, abbli u sensittiv ghall-bzonnijiet tal-poplu. Mexxej b'esperjenza Ewropea li tissupera kwalunkwe esperjenza tal-partit oppost, mexxej li m'huwa rrikattat minn hadd u minn inkien, mexxej li ma jarax it-titli, imma r-realtà.

Nawgura success lill-kantanti kollha li, bejn il-lejla u ghada, se jiehdu sehem fil-kontest *Song for Europe*, specjalment dawk li se jsofru hafna minhabba li ma setghux jirrifjutaw li jiehdu sehem fil-kanzunetta ta' l-Unjoni!

Nawguraw shabi, li qeghdin tiffurmaw l-opinjoni politika taghkom, li taqbdu meta l-Gvern jghid il-verità, u meta le!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*